



Brussell, 27 ta' Jannar 2025  
(OR. en)

16999/24

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2024/0316(NLE)

---

---

AELE 111  
N 121  
FL 58  
ISL 66  
MI 1036  
ECOFIN 1519  
FSC 11

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Komitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda tal-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) .../...**

**ta'...**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea,  
fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE  
dwar emenda tal-Anness IX (Servizzi finanzjarji)  
tal-Ftehim ŻEE**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1) u l-Artikolu 114, flimkien mal-Artikolu 218(9), tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

---

<sup>1</sup> ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/1994/2894/oj>.

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea<sup>2</sup> (“il-Ftehim ŻEE”) daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 1994.
- (2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista’ jiddeċiedi li, fost l-oħrajn, jemenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE.
- (3) Ir-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup> u d-Direttiva (UE) 2022/2556 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>4</sup> jenħtieġ li jiġu inkorporati fil-Ftehim ŻEE.
- (4) L-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE għalhekk jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (5) Għalhekk jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozz ta’ Deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>2</sup> ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3, ELI: [http://data.europa.eu/eli/agree\\_international/1994/1/oj](http://data.europa.eu/eli/agree_international/1994/1/oj).

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014, (UE) Nru 909/2014 u (UE) 2016/1011, (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2554/oj>).

<sup>4</sup> Id-Direttiva (UE) 2022/2556 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Diċembru 2022 li temenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2011/61/UE, 2013/36/UE, 2014/59/UE, 2014/65/UE, 2009/138/KE, (UE) 2015/2366 u (UE) 2016/2341 fir-rigward tar-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 153, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2022/2556/oj>).

### *Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fi ħdan il-Komitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta tal-Anness IX (Servizzi finanzjarji) għall-Ftehim ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Komitat Konġunt taż-ŻEE meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---